



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, il-25 ta' Novembru 2021

### Meta mqabbel ma' partijiet oħra tad-dinja, l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport tal-UE għadu miexi bil-mod

Fi snin reċenti, l-awdituri tal-UE ġibdu l-attenzjoni ripetutament għal diversi dgħufijiet li jaffettwaw it-tweġiq ta' proġetti kbar tat-trasport fl-UE. Madankollu, meta titqabbel ma' dik ta' pajjiżi oħra fid-dinja, bħall-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti, il-prestazzjoni tal-UE hija tajba? Biex twieġeb din il-mistoqsija, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri wettqet rapport analitiku li jqabbel il-mod kif l-UE u bosta pajjiżi jwettqu dawn il-proġetti. Filwaqt li dan it-tqabbil jagħti serħan il-moħħ f'xi aspetti, huwa jqajjem tħassib f'oħrajn, bħall-implimentazzjoni tal-proġetti. B'mod partikolari, l-awdituri josservaw li pajjiżi oħra fid-dinja sejrjn ħafna aħjar fir-rigward ta' dewmien fil-proġetti.

Bħall-biċċa l-kbira mill-pajjiżi, l-UE stabbiliet strateġija għall-infrastruttura tat-trasport. Iżda l-istrateġija tal-UE hija waħda unika: l-ebda strateġija tat-trasport oħra rrieżaminata ma tistabilixxi data ta' skadenza għall-ikkompletar ta' network transfruntier sħiħ. Madankollu, fil-passat l-awdituri sabu li l-oġettivi strateġiċi tat-trasport tal-UE, b'mod partikolari l-ikkompletar tan-network ewlieni Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) sal-2030, huma ambizzjużi żżejjed u mhux dejjem ikunu segwiti minn riżultati reali. Pereżempju, mhuwiex probabbli li sad-data ta' skadenza jintlaħaq l-oġettiv li jiġi ttriplikat it-tul tan-network ferrovjarju ta' veloċità għolja tal-UE.

L-awdituri jindikaw ukoll li ħafna drabi jkun hemm nuqqas ta' analiżijiet xierqa tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji fil-fażi tal-għażla tal-proġetti. Konsegwentement, il-kofinanzjament mill-UE jista' jingħata anki jekk ikun probabbli li l-ispejjeż soċjoekonomiċi jkunu jaqbu l-benefiċċji, bħalma kien il-każ għal sezzjoni ta' linja ferrovjarja ta' veloċità għolja fi Franza. B'kuntrast ma' dan, fil-pajjiżi kollha li ġew irrieżaminati, analiżijiet sodi u dettaljati tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji jintużaw b'mod sistematiku biex jappoġġaw u jtejbu t-teħid ta' deċiżjonijiet.

*"L-UE qed tipprova tikkompleta network komprensiv tal-infrastruttura tat-trasport madwar l-Ewropa,"* qalet Annemie Turtelboom, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport analitiku. *"Filwaqt li fil-passat qisna li l-ispejjeż akbar milli ppjanat u d-dewmien jostakolaw b'mod ugwali l-ilħuq ta' dan l-għan, it-tqabbil tagħna jżvela li l-UE hija konformi ma' pajjiżi oħra f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż, iżda l-prestazzjoni tagħha f'dak li jirrigwarda t-tweġiq ta' proġetti kbar fil-ħin hija sinifikattivament agħar. Biex nindirizzaw dan, nistgħu nieħdu ispirazzjoni mill-prattiki li identifikkawna madwar id-dinja."*

Preċedentement l-awdituri indikaw disparità bejn l-ispejjeż stmati u dawk reali ta' proġetti kbar tat-trasport fl-UE, li rriżultat f'baġit medju akbar milli ppjanat ta' aktar minn EUR 2 biljun għal kull

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport analitiku sħiħ huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg  
E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)

proġett, jew żieda ta' 47 % fuq il-previżjonijiet inizjali. Madankollu, ir-rapport analitiku sab li l-okkorrenza ta' spejjeż akbar milli ppjanat ma tinstabx fl-UE biss: dawn jaffettwaw l-infrastruttura tat-trasport madwar id-dinja kollha. U l-ispejjeż akbar milli ppjanat li jaffettwaw il-proġetti tat-trasport ikkofinanzjati mill-UE li ġew irrieżaminati mhumiex akbar mill-medja globali – għall-inqas sa issa, minħabba li l-proġetti tal-UE inkwistjoni għadhom ma ġewx ikkompletati.

B'kuntrast ma' dan, id-dewmien huwa karatteristika distintiva – jew forsi huwa "l-"karatteristika distintiva tal-proġetti tal-UE meta mqabbel ma' dawk ta' pajjiżi oħra. Is-sena l-oħra, l-awdituri tal-UE sabu li proġetti kbar ta' infrastruttura tat-trasport kienu affettwati minn dewmien medju ta' madwar 11-il sena. Ir-rapport analitiku jagħti x'jifhem li dan huwa parzjalment dovut għal prijoritajiet differenti – u xi drabi kunfliġġenti – bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha li għandhom it-tendenza li jiffukaw fuq l-interessi nazzjonali tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri spiss jittraskuraw sezzjonijiet transfruntieri ta' proġetti li fuqhom il-fondi tal-UE jkunu ffukati. Pereżempju, il-Ġermanja ma tatx prijorità għall-kostruzzjoni tar-rota ta' aċċess transfruntiera tat-Tramuntana lejn il-Mina ta' Bażi ta' Brenner, għalkemm l-UE, flimkien mal-Awstrija u l-Italja, kienet diġà ilha mill-1986 tinvesti fil-proġett. F'termini ta' koordinazzjoni tal-proġetti, l-UE tista' titgħallem mill-Istati Uniti, l-Iżvizzera u l-Awstralja.

Barra minn hekk, il-proġetti fl-UE, meta jintgħażlu, għadhom affettwati minn ħafna inċertezzi li wkoll jikkontribwixxu għal dewmien, bħall-ħtieġa li jinkisbu permessi ambjentali u aċċettazzjoni mill-partijiet ikkonċernati. F'partijiet oħra tad-dinja hemm tnejn aktar adegwata għal dawn it-tipi ta' ostakli. Pereżempju, fl-Iżvizzera, l-aċċettazzjoni mill-partijiet ikkonċernati hija aktar probabbli: il-kumitati konsultattivi jippermettu li d-distretti awtonomi u l-partijiet ikkonċernati l-oħra jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-proġetti. Dan jagħmilha inqas probabbli li l-proċedimenti legali jikkawżaw dewmien fl-ippjanar u l-kostruzzjoni.

L-awdituri jenfasizzaw il-monitoraġġ sistematiku bbażat fuq ir-riskju bħala soluzzjoni waħda possibbli li tista' tgħin biex jitnaqqas id-dewmien – u l-ispejjeż akbar milli ppjanat – fil-proġetti ta' infrastruttura tat-trasport tal-UE. Mekkaniżmu ta' dan it-tip jeżisti fl-Istati Uniti, fejn proġetti li jkunu ġew identifikati bħala ta' riskju għoli huma suġġetti għal monitoraġġ imsaħħaħ. Il-proġetti li l-ispiża tagħhom tiżdied b'aktar minn 2 % f'sena meta mqabbla mal-baġit stmat tagħhom, pereżempju, jirrikjedu aktar rappurtar lill-gvern mill-promoturi tal-proġetti u jirriżultaw f'superviżjoni akbar mill-manigġers federali.

Fl-aħħar nett, l-awdituri josservaw li ma hemm l-ebda obbligu legali fl-UE biex jitwettqu evalwazzjonijiet *ex post* sistematiki ta' proġetti kbar tat-trasport. Evalwazzjoni ta' dan it-tip twettqet darba biss (fl-2007), u kienet iffukata biss fuq indikaturi finanzjarji, bħall-assorbiment tal-finanzjament disponibbli tal-UE. B'kuntrast ma' dan, l-Istati Uniti, Franza u n-Norveġja jsegwu approċċ differenti, billi jwettqu evalwazzjonijiet *ex post* tal-proġetti b'mod sistematiku.

### **Informazzjoni ġenerali**

Dan mhuwiex rapport tal-awditjar, iżda huwa rapport analitiku bbażat prinċipalment fuq informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku u fuq materjal li nġabar speċifikament għal dan l-iskop. L-għan tiegħu huwa li jqabbel il-qafas tal-UE għat-twettiq ta' proġetti ta' infrastruttura kbar ma' dawk ta' pajjiżi oħra (l-Awstralja, il-Kanada, Franza, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti), filwaqt li jidentifika Prattiki li jistgħu jkunu utli għall-Kummissjoni Ewropea u għal dawk li jfasslu l-politika meta jiġi pprovdut appoġġ futur mill-UE. Dan ir-rapport analitiku se jservi wkoll ta' kontribut għar-rieżaminar li għaddej bħalissa tar-Regolament TEN-T.

Is-sitt proġetti tat-trasport tal-UE li ġew analizzati f'dan ir-rapport analitiku, li kollha huma kofinanzjati mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, huma: il-Basque Y, il-Mina ta' Bażi ta' Brenner, il-mina tal-Istrett ta' Fehmarn, il-mina ferrovjarja Lyon-Turin, ir-Rail Baltica u l-Kanal Seine-it-Tramuntana

tal-Ewropa. Mill-2007 sal-2020, l-UE allokat aktar minn EUR 109 biljun għal proġetti ta' infrastruttura tat-trasport fuq in-network TEN-T.

Ir-Rapport Analitiku tal-QEA "Il-qafas tal-UE għal proġetti kbar ta' infrastruttura tat-trasport: tqabbil internazzjonali" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE.

Fi snin reċenti, il-QEA ppubblikat bosta rapporti tal-awditjar dwar il-politika tat-trasport tal-UE, inkluż rigward il-[megaproġetti tat-trasport tal-UE](#), in-[network ewlieni tat-toroq tal-UE](#), u n-[network ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja](#). Is-sena d-dieħla, il-QEA qed tippjana li toħroġ rapport dwar it-trasport intermodali tal-merkanzija.

#### **Kuntatt għall-istampa**

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Vincent Bourgeois: [vincent.bourgeois@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeois@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547